**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 7 ta' Marzu, 2017

**Il- Pulizija**
**(Spettur Martin Sammut)**
**-vs-**
**Joseph Farrugia, detentur tal-karta ta` l-identita` numru 229879M.**

Kumpilazzjoni Nru. 388/2009

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Farrugia, talli:

> Fil-5 ta' April, 2008, għall-ħabta tat-8:00pm fi Triq Paceville kantuniera ma' Triq San Gorg, San Ġiljan, saq vettura nru CTY 097 b'manjiera perikoluża u b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura gravissima ai terminu tal-artiklu 218 Kap 9[1] fuq il-persuna ta' Ronald Dimech skont kif iċċertifika Dr Stephen Muscat M.D ta' Mater Dei Hospital.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tad-9 ta' Mejju, 2011,[2] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

[1] Korrezzjoni awtorizzata. Vide verbal 24.11.2011 a fol.33.
[2] Fol.121

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat-
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' April, 2008, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fil-25 ta' Frar, 2016.

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna offiza gravi ta' natura involontarja fuq il-persuna ta' Ronald Dimech. Illi l-artiklu 215 tal-Kodici Kriminali jikkwalifika l-offizi fuq il-persuna bhala dawk ta' natura gravi jew hfief u ghalhekk ma hemm ebda htiega li tali offizi jigu kwalifikati ulterjorment fl-akkuza.

Dan qed jinghad in vista tas-sottomissjoni tad-difiza li ma hemm ebda korrezzjoni fl-inkartament odjern u ghalhekk l-imputat ghandu jwiegeb biss ghall-offizi gravi taht l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali. Jigi sottolinejat li l-imputat sarlu l-ezami wara li l-akkuza giet mibdula sabiex taqra *"offizi ta' natura gravissima ai termini tal-artikolu 218 kap.9"* u fejn l-imputat ma talabx notifika mill-gdid. Kif jirrizulta mill-atti[3] mal-qari tal-artikoli, fejn gie citat l-artikolu 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tigi trattata u deciza quddiem il-Qorti tal-Magistrati u b'hekk ikkonferma li kien ben konsapevoli dwar in-natura tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, kif wara kollox anke tixhed in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza.

Illi l-parte civile Ronald Dimech xehed kif kien qed jirritorna d-dar wara l-quddies u hekk kif wasal fil-kantuniera ta' Gort Street, Paceville, hares lejn iz-zewg nahat tat-triq u ra *"**taxi was parked and it didn't have the headlights on**"* u b'hekk assuma li ma kienet sejra imkien u qasam it-triq. Kif wasal fin-nofs tat-triq, giet it-taxi li *"fortunately it wasn't on high speed"* fuqu.[4] Dwar il-vettura jghid *"It was going forward, I was crossing the road and as soon as I reached half way of the road I was hit right [on the knee].."*[5] Hu kien sofra frattura f'kopptu u dam l-isptar 5 xhur[6] filwaqt li baqa' jsofri minn ugigh kemm f'kopptu kif ukoll fil-muskolu tas-sieq.[7] Ikompli jaghti dettalji dwar l-incident u jixhed li meta gie biex jaqsam it-triq it-taxi kienet *"it was very close the taxi, …the taxi stopped and the driver didn't keep on going, he stopped*[8]*.. **two (2) feet away…the car was stationary, the headlights were off**"*. Kien intlaqat fuq il-genb tas-sieq hdejn l-irkoppa u jtenni li fil-hin tas-sinistru kien hemm xi karozzi aktar il-boghod, ipparkjati hafna iktar l-isfel fit-triq.[9]

Jghid li it-taxi dehret li kienet **pparkjata fil-genb tat-triq** *"I took the decision to cross when I saw that the taxi, **white taxi was stationary and the headlights were off** and I assumed this taxi isn't going anywhere, so I crossed the road and as*

---

[3] Fol.122
[4] Fol.36
[5] Fol.38
[6] Fol.37
[7] Fol.38
[8] Fol.39
[9] Fol.41

*soon as I reached half way the road I found this white taxi on top of me.....**it wasn't in the middle of the road it was on the side but as I said the headlights were off.**"*[10] Fl-ahhar tax-xhieda tieghu jaghti deskrizzjoni dwar id-dawl meta il-hin kien xi 8.30pm u ghalkemm id-dwal tat-triq kienu mixghula ***"it wasn't brightly lit, it wasn't no."***[11]

Illi **Dr Stephen Muscat** xehed li l-griehi mgarrba mill-parte leza kienu *"grievous minhabba l-ksur, grievious per durata…ksur fit-tibiola u fil--fibiola u fl--irkoppa tax-xellug."*[12] **Dr Martina Muscat** ukoll tikkonferma li Dimech kien idahhal l-isptar issofri minn ksur f'saqajh fejn aktar il-quddiem kien gie operat.[13] In kontro-ezami Dr Muscat jerga' jikkonferma il-griehi bhala ta' natura gravi.[14]Minn naha tieghu **Dr Matthew Cassar** xehed li l-parte civile kien soffra ksur fix-shaft, fit-tibia u fl-ghadma tal-irkoppa. Kienet saritlu 'external fixation' u meta kien rah l-*outpatients department* f'Settembru is-sieq ma kienitx ghada fieqet ghal kollox. Sahansitra kelhom isiru b'kollox 3 operazzjonijiet.[15] Dr Cassar jikkonferma li l-ahhar li ra lill-parte civile kien fis-26 ta' Settembru, 2008, u li kien il-Konsulent Mr. Frederick Zammit Maemple li baqa' jsegwih. [16] Mr Zammit Maemple baqa' ma giex prodott bhala xhud u b'hekk il-Qorti ma ghandha ebda evidenza dwar jekk kienx irrizulta xi debulizza jew difett permanenti kif deskritt fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-imputat ghazel li jixhed. Dan spjega kif kien filghaxija meta *"Kien dalam"* u kien qed iwassal persuna mill-Ajruport ghal La Vallette Resort. *"U f'daqqa wahda nizilli minn fuq il-bankina hux. **Nizilli minn fuq il-bankina, waqaft u lqattu**, la kien hemm zebra crossing, la hares u la xejn hux".*[17] Jghid li hu kien fejn l-Avenue Restaurant, fit-tieni kantuniera kif tidhol minn ma fejn hemm Frank Salt u li l-parte civile kien nizel minn fuq il-bankina u hu laqtu. Izid li kien waqaf fil-pront ghax kien miexi bil-mod *"Fejn ezatti lqattu hemm salib it-toroq kont ghadni kif qlajt minn fuq is-salib it-toroq jigifieri...... Le le waqaft hemmhekk ghax kienet ha taqsam karozza. Waqfet hi wkoll u qlajt jiena u sar l-incident."*[18] L-imputat jichad li kien ipparkjat izda jsostni li waqaf sakemm ghaddiet karozza ohra. Il-verzjoni moghtija mill-imputat lil PS1492 *a tempo vergine,* kif jixhed il-Current Incident Report, kienet li *"The taxi driver stated that **he was stationary on the corner** and as he drove he found victim in front of his car."*[19] Ikompli li hu laqat lil Dimech bil-genb tal-left tal-karozza *"rajtu niezel mill-bankina kieku m'ghaffastx il-break hux biex nieqaf.".*

Illi l-Qorti ghandha quddiemha x-xhieda tal-imputat u dik tal-parte leza: l-imputat jghid li kien gja dalam u li kien wieqaf jistenna tghaddi vettura meta rega' qala' bil-first u f'salt minnhom ra lill-parte leza niezel minn fuq il-bankina, ghafas il-break u laqtu. Il-parte leza jghid li kien biss zewg piedi il-boghod mit-taxi li kienet

[10] Fol.42
[11] Fol.44
[12] Fol.69
[13] Fol.71-72
[14] Fol.146
[15] Fol.75-76
[16] Fol.149
[17] Fol.153
[18] Fol.156-7
[19] Fol.5

stationary bid-dawl mitfi, u li meta giet fuqu it-taxi ma kienitx qed tinstaq b'xi velocita`.

Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Attard**" [3.4.2003] li ghalkemm jista' jkun hemm "*certu konflitt fil-provi , dan ma jfissirx li dan ghandu bil-fors johloq dubju dettat mir-raguni li necessarjament ghandu jwassal ghall-liberazzjoni . Kif issottometta l-abbli Prosekutur, f'kull kaz ix-xiehda ta' xhud wiehed biss jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar (Art. 638 (2) tal-Kap.9) . U kwistjoni dwar il-kredibilita' ta' xhud tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti , billi jittiehed qies tal-imgieba , kondotta, karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti , u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu , u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xhieda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*

Illi jirrizulta minghajr dubbju li l-imputat kien bil-vettura wieqaf. Kif jispjega l-vittma, li kien zewg piedi l-boghod minnu u li anke ddeskriva li ghalkemm fit-triq kienu inxtghelu l-bozzoz din ma kienitx mdawwla sew, kien gja nnota li t-taxi kellha d-dwal mitfija. Il-Qorti ma tarax ghalfejn ghandha tiddubita mill-verzjoni tal-parte leza li jinsisti li d-dwal tat-taxi kienu mitfijin. L-istess xhud ma sab ebda diffikulta` jikkonferma li t-taxi ma kienitx qed tinstaq b'xi velocita` u spjega kif is-sewwieq taghha kien anke hareg jaghtih l-ghajnuna. Il-Qorti tqis li ma ghandhiex ghalfejn ma tistriehx fuq ix-xhieda tal-parte leza li ma ghazilx izzejjen il-verzjoni tieghu jew kien selettiv fir-rakkont minn tieghu.

Illi ma jaghmel ebda sens li l-imputat izomm id-dwal tal-vettura tieghu mitfija. Ma jridx jintnesa dak li xehed Dimech li qal li t-triq ma kienitx mdawwla bizzejjed. Li kieku verament rah niezel mill-bankina ma kienx jasal biex jolqtu ghaliex fi kliem l-imputat kien ghadu qed jaqla' bil-first.[20] Il-fatt li meta safa mtajjar l-parte leza kien gja' wasal f'nofs tat-triq, turi li mhux minnu dak li jghid l-imputat meta jghid li l-parte leza qabad u nizel minn fuq il-bankina u qasam. Il-fatt li kien mexa distanza wara li nizel minn fuq il-bankina turi bic-cjar li l-imputat ma kienx rah u zamm il-break meta kien tard wisq. Li forsi zamm id-dwal mixghulin u aktar minn hekk zamm 'a proper look out' dan l-incident seta' gie evitat.

Illi dwar it-tieni imputazzjoni issir riferenza ghal dak li gie ritenut fl-appell kriminali **"Il-Pulizija vs Anthony Chircop"** (11.4.2002) li :-

*Kif gie citat minn din il-Qorti kif preseduta fis-sentenza taghha tal-lum stess fil-kawza "Il-Pulizija vs Domenic Fenech" gie dejjem ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta li l-kwistjoni jekk sewqan hux (i)negligenti ; jew (ii) bla kont, jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "degree" (Ap. Krim. Pul. Vs Charles Bartolo 14.3.59; Pul. Vs. Wilson, Vol XXXIX, p 1018 u Pul. Vs. Alfred Vella, Vol. XLIV p 933) u, kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. Vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. Vs. Charles Farrugia, Vol. XXXIX, p.1018). "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. Pul. Vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece, sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. Vs.Antonio Spiteri, Vol. XLIV p. 892).*[21]

---

[20] Fol.155: *"First hux, qlajt u waqaft."*
[21] Per Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono;Dec 11.04.2002. Appell Kriminali 209/2001.

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Apap** fejn inghad:

*"Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157) inghad:*

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*

*Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara **The Police vs Charlotte Chamberlain,** Appell Kriminali, 21/5/96)".*[22]

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Brincat**,[23] dik il-Qorti ghamlet ezami approfondit fuq dak li jikkostitwixxi d-dmir tas-sewwieq kif ukoll l-obbligi tal-*pedestrian.* F'dik is-sentenza giet ikkowotata d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri per. Imhallef J. Galea Debono) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat,** deciza fit-22 ta' Novembru, 2007, fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal gurisprudenza kopjuza f'dan ir-rigward. Il-Qorti stqarret:

*""Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."*
(App. Krim. **"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"** [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-
*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan*

---

22 Qorti ta' l-Appell Kriminal moghtija fl-4 ta' Frar, 2011
23 Onor. Magistrat Dr Edwina Grima

*perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."* (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana"** [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

*"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. George Muscat"** [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Gie ukoll ritenut li "*ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Formosa"** Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. *"meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat"* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)."

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet:

"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet

a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;
b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;
c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.""

Il-Qorti kompliet tghid:

"Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] ) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].)

Illi mbaghad, anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam," (f'dana il-kaz il-vittma kienet mara) "dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex - apparti mill-fatt li fuq il-*pedestrian*

*crossing* hi kellha tinghata precedenza mill-awtista - f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963]**"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-*"contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim."**Il-Pulizija, vs. P.Vassallo",** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]).

Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar."

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Spiteri:** "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. ... ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali.""

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li-

"... biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghall-responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet..."[24].

Illi mill-provi prodotti **ma tirrizulta ebda kontributorjeta`** da parti tal-parte leza li ha dawk il-prekawzjonijiet kollha mehtiega qabel ma qasam it-triq. Jirrizulta kjarament li l-imputat ma zammx *'a proper look out'* meta fi kliemu stess jghid li kien qed jaqla' bil-first[25]peress li kieku ppresta l-attenzjoni mehtiega ghat-triq quddiemu kien certament jara lill-parte leza li kien lahaq qasam sa nofs it-triq.

Illi r-regolament 152 tal-**Highway Code** fil-kapitolu intitolat *"Regoli, Teknika u Parir ghas-Sewwieqa Kollha"* jipprovdi:

**152.** Ara li l-bibien ikunu maghluqa sew, u jekk ikun bil-lejl, li jkollok id-dwal mixghula.

Illi ghalhekk minn dan l-insejament u tenut kont tar-rizultanzi processwali, ghalkemm is-sewqan tal-imputat ma jistax jitqies li kien wiehed perikoluz, jew bla kont, madanakollu dan kien wiehed negligenti billi l-imputat naqas milli juza dik il-prudenza ordinarja li ghandu juza kwalunkwe sewwieq. Certament ma nzammet l-ebda proper look out u ma giex osservat ir-regolament 152 appena citat.

Ikkunsidrat-

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat qed jigi addebitat bir-reati tal-offiza involontarja ai termini tal-artikolu

[24] **Pulizija vs Joseph Grech**, deciza 06.06.2003
[25] Fol.155

226(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq evidenza sabiex jintwera li l-offiza fuq Dimech gabet il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. **Dr Paul Zammit** fil-fatt ikkonferma li r-rijabilitazzjoni ta' Dimech marret tajjeb u l-Konsulent Zammit Maempel (li kien xehed fis-seduta tal-kollizzjonijiet izda fejn ix-xhieda tieghu sussegwentement giet sfilzata)[26] ma giex mharrek bhala xhud f'dawn il-proceduri. B'hekk ma giet sostanzjata bl-ebda mod l-imputazzjoni li l-offiza gabet xi wahda mill-konsegwenzi deskritti fl-artikolu 218 tal-istess Kodici.

Illi meta tigi biex tqies id-disposizzjoni tal-ligi indikata mill-Avukat Generali tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, il-Qorti taghmel referenza ghal-konsiderazzjoni hawn fuq maghmula minn fejn jirrizulta illi ghalkemm is-sewqan tal-imputat jista' jitiqes bhala wiehed traskurat, madanakollu ma jirrizultawx l-estremi tas-sewqan perikoluz u bla kont u kwindi il-Qorti mhijiex ser tghaddi sabiex tapplika is-sanzjoni indikata fl-artikolu 15(2) ta' l-Att.

Illi dwar il-piena l-Qorti ma setghetx ma tikkunsidrax il-fatt li din il-kawza ddilungat ghal kwazi 8 snin biex tigi deciza u dan meta ix-xhieda kienu biss il-parte leza, l-imputat u tlett tobba. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fedina penali tal-imputat li minnha jirrizulta li kien gja misjub hati 4 snin qabel ta vjolazzjonijiet tar-regolamenti tat-traffiku.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 17,31, 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar it-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €1,000 li ghandha tithallas fi zmien sentejn ratelament bl-ewwel pagament issir dovut fl-ahhar t'April, 2017.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

---

[26] Vide Verbal 24.11.2009, a.fol.33